**MINUTI**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**
**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN**

**22 ta' Lulju, 2010**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

Is-Sindku Silvio Izzi Savona u l-Viċi Sindku Charmaine Christiano Grech ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**2.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

2.1.1 Il-minuti tas-seduta numru 1 ġew apporvati.

***2.2*** ***Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

2.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ġie innutat li ħafna mill-ilmenti li kienu mressqa fis-seduta ta' qabel ġew irranġati ħlief għat-tisqija tal-pjanti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal din il-ġimgħa biss il-kuntrattur ELC kellu ħafna xogħol fiċ-ċentru taż-Żurrieq minħabba l-festa.

Kien hemm qbil li kull meta jkun hemm tisqija l-impjegati tal-Kunsill jinfurmaw lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv biex jissorveljaw ix-xogħol li jkun sar.

*2.3 Budget*

2.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wriet il-budget għall-Kumitat Amministrattiv minn Lulju 2010 sa Diċembru 2010 hekk kif maqsum skond il-kuntratti li għandu l-Kunsill Lokali.

Kien hemm qbil li qabel ma jsir xi xogħol ta' patching, il-membri tal-Kumitat Amministrattiv ikollhom il-lista tal-ilmenti biex l-ewwel jevalwaw l-ilmenti u wara tiġi maħruġha l-ordni għax-xogħol.

2.3.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li biex tonqos l-ispiża mill-ġbir ta' skart u biex jinħoloq inċentiv ta' żieda fis-separazzjoni tal-iskart, il-ġbir tal-borża s-sewda ma jibqax isir kull nhar ta' Tlieta u tinġabar biss il-ġabra ta' skart separat (borża l-griża).

Hu żied jgħid li dan għandu jkun amalgamat maż-Żurrieq kollu biex ma jkunx hemm kunfużjoni bejn parti taż-Żurrieq u oħra.

Kien hemm qbil li dan is-suġġeriment jagħddi fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

*2.4 Memo 94 – Skema ta' finanzjament għall-proġett u inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi*

2.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li minħabba li Memo 94 tgħid li l-proġett li ser ikun propost irid isir sal-aħħar tas-sena 2010, jissuġġerixxi li l-applikazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv issir fuq it-tliet 'traffic managements' li huma ppjanati li ser isiru – fi Vjal l-Indipendenza (pedestrian crossings), fi Triq Santa Marija (proposta lesta mill-Perit tal-Kunsill) u fi Triq St Agatha (tali proposta għad trid tiġi mħejjijha mil-Perit).

Kien hemm qbil fuq dan. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiġbor l-informazzjoni neċessarja biex issir tali applikazzjoni li tagħlaq fl-20 ta' Awwissu, 2010.

2.4.2 Il-Kumitat Amministrattiv qabel li ssir laqgħa urġenti mat-TM biex jiġu ssuġġeriti postijiet oħra minflok dawk li ġew issuġġeriti minnhom, fuq pedestrian crossings għall-Vjal l-Indipendenza, minħabba li l-maġġoranza tar-residenti jaqsmu minn postijiet oħra.

Ġew maqbula li jsiru pedestrian crossings f'dawn il-postijiet fi Vjal l-Indipendenza: viċin Triq San Martin, viċin Triq San Mikiel u viċin it-Telephone Box ta' Triq G M Callus.

Kien hemm qbil li tintalab laqgħa mat-TM fuq il-post urġenti, u għal din il-laqgħa jkun hemm preżenti membru tal-Kumitat.

## *2.5 Memo 95 – Skema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2011*

2.5.1 Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-għaqdiet kollha taż-Żurrieq biex jagħtu lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra s-suġġerimenti tagħhom fuq attivita' kulturali/tradizzjonali għal Bubaqra li trid issir bejn Dicembru 2010 u Ġunju 2011 u bejn Settembru u Diċembru 2011.

Wara li jiġu riċevuti s-suġġerimenti, jsiru laqgħat u tiġi evalwata l-aħjar proposta biex titressaq għas-seduta li jmiss.

## *2.6 Traffic Management fi Triq Sant Agatha k/m Triq San Martin*

2.6.1 Iċ-Chairperson qal li kellu laqgħa ma' persuna mit-TM fuq traffic managment fi Triq St Agatha fejn ġie infurmat li l-approvazzjoni tat-TM issir wara l-pjanti li jagħmel il-Perit tal-Kunsill.

Kien hemm qbil li tintalab stima u disin tax-xogħol fuq traffic management fl-akwata ta' Triq Sant Agatha.

## *2.7 Memo 73 – Inizjattiva premju lokalitajiet indaf*

2.7.1 Minflok Memo 93 kif kien hemm imniżżel fl-aġenda ġiet diskussa Memo 73.

Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jistieden lill-iScouts biex joħorġu b'inizjattiva ta' tindif fl-akwati ta' Bubaqra u

tintalab estenzjoni ta' tlett ijiem biex tiġi sottometta l-applikazzjoni minħabba li l-applikazzjoni għal tali inizjattiva tiskadi fl-aħħar ta' Lulju.

*2.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Xogħlijiet u Servizzi*

2.8.1 Iċ-Chairperson staqsa x'sar mill-pots li kien hemm fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Bubaqra.

Il-membru tal-Kumitat Joseph D'Amato qal li tali pots ġew maqsuma mill-għeruq tal-pjanta li kien hemm pjantatha fihom u kellhom jiġu mneħħija.

2.8.2 Iċ-Chairperson staqsa jekk kienx sar permess għal trinka li tħaffret fi Vjal l-Inidpendenza k/m Triq G M Callus. Hu żied jgħid li din it-trinka saret kważi tul it-triq kollha u baqgħet ma ġietx mogħttija.

2.8.3 Iċ-Chairperson informa lill-membri l-oħra li Cassar Florist ta' Triq G M Callus ser jissuplixxi b'xejn pjanti biex jitħawlu fis-soft areas ta' Bubaqra. It-tisqija tagħhom issir mill-fondi tal-Kumitat Amministrattiv.

2.8.4 Iċ-Chairperson informa lill-membri preżenti li ħarruba li ħierġa minn għalqa fi Triq Sant Agatha k/m Triq Ħal Far qed tostakola mera tat-traffiku. Kien hemm qbil li jiġi kkuntatjat sid l-għalqa biex ineħħi l-friegħi li ħerġin 'l barra biex il-mera tkun viżibli.

2.8.5 Kien hemm qbil li jintalbu żewġ postijiet għal Bring in Sites – waħda għal Triq Kalanġ Bugeja k/m Vjal l-Indipendenza u l-oħra għall-inħawi tal-HOS.

2.8.6 Is-Sur Joseph Caruana qal li hemm bżonn li ssir mera fi Triq il-Qortin fil-kantuniera viċin xi garaxxijiet.

2.8.7 Is-Sur Joseph Caruana qal li fi Triq G M Callus hemm plots maħmuġa.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xi snin ilu kienu ttieħdu ritratti tal-plots vojta kollha li hawn fiż-Żurrieq u inkitbet ittra lill-MEPA fuqhom, imma f'ħafna każi minnhom ma ttiħditx azzjoni.

2.8.8 Is-Sur Joseph Caruana ġibed l-attenzjoni fuq skart li hemm fejn il-kamra tan-Nar tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan it-tindif isir ftit qabel il-festa għax tali ħmieġ jiġi mnaddaf aktar minn darbtejn fis-sena.

2.8.9 Is-Sur Joseph Caruana qal li hemm bżonn li jsir refresh tas-sinjali kollha tat-traffiku ta' Bubaqra għax kollha ċċaraw.

Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil ukoll li jintalab permess mit-TM biex isiru parking bays madwar iċ-ċimiterju.

2.8.10 Is-Sur Joseph Caruana qal hemm bżonn li jiġu ċċekjati l-makkinarji li jkunu fit-toroq mingħajr permess.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kull min jara xi makkinarju u jaħseb li m'għandux il-permessi meħtieġa jikkuntatja lill-Kunsill u jekk jiġi verifikat li m'għandux permess jintbagħat warden.

2.8.11 Is-Sur Annetto Bugeja ssuġġerixxa biex il-Kumitat Amministrattiv jibda jaħdem fuq pjan biex il-Misraħ ta' Bubaqra jsir pedestrian biss, bħal m'huma l-pjazzez barra minn Malta.

*2.9 Appuntament għas-seduta li jmiss*

2.9.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar l-Erbgħa 1 ta' Settembru, 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

2.9.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Settembru , 2010.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**